MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2003

Numru 365/2001

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH CORDINA**

**VS**

**BENJAMIN FARRUGIA**

**Illum 3 ta' Frar 2003**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Benjamin Farrugia ta’ 50 sena, iben Paul u Carmela nee’ Formosa, imwieled Sliema, fl-10 ta’ Settembru 1952, residenti fl-indirizz 17 Tal-Borg Street, Paola, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 899652 (M)

Talli fit-12 ta’ Novembru 1998, u f’dati precedenti, fil-Floriana, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila setgha fuq haddiebor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ Lm670 bi hsara ta’ Rita Degabriele mill-Floriana ;

U aktar talli fl-istess cirkostanzi approprija ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra mis-somma ta’ Lm670 li hija ta’ l-imsemmija Rita Degabriele meta din is-somma giet fdata jew ikkonsinnata lilu that titolu li jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu specifikat minnha;

Ukoll talli kiser il-provvedimenti dwar sentenzi sospizi, fuq sentenza mill-Qorti tal-Magistrati tad-9 ta’ Gunju 1998;

Kif ukoll talli sar recediv;

Wara illi rat l-Artikoli 308, 309, 310, 293, 28A, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta’ l-istess imputat, ma’ thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssibu hati ta’ kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni.

Ghaldaqstant, fir-rigward tal-piena, din il-Qorti qeghda taghti estenzjon tas-sentenza sospiza tad-9 ta’ Gunju 1998, b’terminu ta’ sitt (6) xhur ohra mil-lum, u dan billi huwa recediv.  Kif ukoll, wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni r-rifuzzjoni ta’ l-ammont in toto lill-kwerellanti, u wara li l-Qorti giet assigurata li l-imputat qieghed illum jahdem, u ma’ min qed jahdem, din il-Qorti qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma’ jikkommettix reat iehor fiz-zmien sentejn (2) mil-lum, a tenur ta’ l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------